**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tad-29 ta' Settembru 2011 — Mische vs Il-Parlament**

**(Kawża F-93/05)** [1]

***(Servizz pubbliku — Ħatra — Reklutaġġ u trasferiment simultanju għal istituzzjoni oħra — Klassifikazzjoni fi grad skont regoli ġodda inqas favorevoli — Ammissibbiltà tar-rikors — Interess li jiġi ppreżentat rikors — Dewmien)***

(2012/C 138/40)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Harald Mische (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment G. Vandersanden u L. Levi, avukati, sussegwentement R. Holland, B. Maluch u J. Mische, avukati)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: K. Zejdová u L. G. Knudsen, aġenti)

*Intervenjent insostenn tal-konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Arpio Santacruz u I. Šulce, aġenti)

**Suġġett**

Minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament li tikklassifika lir-rikorrent fil-grad A*6 wara kompetizzjoni ppubblikata qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda, skont dispożizzjonijiet inqas favorevoli minn ta' dawn (Artikolu 12 tal-Anness XIII tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 723/2004 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal) kif ukoll min-naħa l-oħra, talba għad-danni

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud*

(2) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

(3) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, bħala intervenjent, għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.*

[1] ĠU C 315, 10.12.2005, p. 15. (inizjalment il-kawża ġiet irreġistrata quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej taħt in-numru T-365/05 u ttrasferita quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku permezz ta' digriet tal-15.12.2005)

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-10 ta' Novembru 2011 — Merhzaoui vs Il-Kunsill**

**(Kawża F-18/09)** [1]

***(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Klassifikazzjoni fi grad — Membri tal-persunal lokali maħtura bħala uffiċjali — Artikolu 10 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Artikolu 3 tal-Anness tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg — Proċedura ta' promozzjoni 2008 — Eżami komparattiv tal-merti bejn uffiċjali li jaqgħu taħt l-iżvilupp ta' karriera AST — Proċedura bbażata fuq ir-rapporti ta' evalwazzjoni 2005/2006 — Kriterju tal-livell tar-responsabbiltajiet eżerċitati)***

(2012/C 138/41)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Mohamed Merhzaoui (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u É. Marchal, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u G. Kimberley, aġenti)

**Suġġett**

Minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni li r-rikorrent jiġi assenjat fl-iżvilupp ta' karriera AST 1-7. Min-naħa l-oħra, l-annullament tad-deċiżjoni li r-rikorrent ma jiġix promoss għall-grad AST 2 fil-kuntest tal-proċedura ta' promozzjoni 2008, kif ukoll tad-deċiżjonijiet li jiġu promossi għal dan il-grad uffiċjali li jisthoqqilhom inqas

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *M. Merhzaoui għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.*

[1] ĠU C 113, 16.05.2009, p. 46

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-10 ta' Novembru 2011 — Juvyns vs Il-Kunsill**

**(Kawża F-20/09)** [1]

***(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2008 — Eżami komparattiv tal-merti — Proċedura bbażata fuq ir-rapporti ta' evalwazzjoni 2005/2006 — Kriterju tal-livell tar-responsabbiltajiet eżerċitati)***

(2012/C 138/42)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Marc Juvyns (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u É. Marchal, aġenti)